

Brussell, 26 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14424/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0389 (NLE)

UK 251
IXIM 267
JAI 1305
AVIATION 289

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Novembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 745 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu interim imsemmi fl-Artikolu 552(11) ta' dak il-Ftehim li matulu r-Renju Unit jista' jidderoga mill-obbligu li jħassar id- <i>data</i> tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri tal-passiġġieri wara t-tluq tagħhom mir-Renju Unit

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 745 final.

Mehmuż: COM(2021) 745 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.11.2021
COM(2021) 745 final

2021/0389 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu interim imsemmi fl-Artikolu 552(11) ta' dak il-Ftehim li matulu r-Renju Unit jista' jidderoga mill-obbligu li jħassar id-*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri tal-passiġġieri wara t-tluq tagħhom mir-Renju Unit

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Sħubija b'rabta mal-Artikolu 552(13) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (minn hawn 'il quddiem: "ir-Renju Unit"), min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem: il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni").

Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jagħmilha possibbli li d-*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri ("PNR") relatata mal-passiġġieri fuq titjiriet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit tiġi ttrasferita lil, tiġi proċessata u tintuża mir-Renju Unit. Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jirrikjedi li r-Renju Unit iħassar id-*data* tal-PNR riċevuta skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni wara t-tluq tal-passiġġieri mill-pajjiż, sakemm valutazzjoni tar-riskju ma tindikax il-*ħtieġa* li tali *data* tal-PNR tinżamm.

Madankollu, il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi deroga għal dak ir-rekwiżit fuq bażi temporanja, għal perjodu interim ta' sena, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2021, fejn jiġu rikonoxxuti ċ-ċirkostanzi speċjali li r-Renju Unit jrid jagħmel ċerti aġġustamenti tekniċi sabiex jittrasforma s-sistemi ta' pproċessar tal-PNR li huwa kien jopera meta d-dritt tal-Unjoni kien japplika għalih u li, meta jitwettqu, jippermettu li d-*data* tal-PNR tiħassar skont il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni.

Id-deroga hija akkumpanjata minn proċess li permezz tiegħu r-Renju Unit jipprovdi lill-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, rapport minn korp amministrattiv indipendenti, inkluż anness mill-awtorità superviżorja tar-Renju Unit għall-protezzjoni tad-*data*, dwar jekk is-salvagwardji addizzjonali għall-protezzjoni tad-*data* li japplikaw matul il-perjodu interim ġeww applikati b'mod effettiv u valutazzjoni dwar jekk dawn iċ-ċirkostanzi speċjali jippersistux, flimkien ma' deskrizzjoni tal-isforzi li saru biex is-sistemi ta' pproċessar tal-PNR tar-Renju Unit jiġu ttrasformati f'sistemi li jippermettu li d-*data* tal-PNR tiħassar wara t-tluq tal-passiġġieri. Il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja kkunsidra dan ir-rapport u l-valutazzjoni pprovduti mir-Renju Unit fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2021. Skont l-Artikolu 552(13), it-tieni sentenza, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, f'każ li jippersistu ċ-ċirkostanzi speċjali msemmija hawn fuq, il-Kunsill ta' Sħubija għandu jestendi l-perjodu interim b'sena, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2022.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni u r-Renju Unit

Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jistabbilixxi l-bażi għal relazzjoni estensiva bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, f'żona ta' prosperità u viċinanza tajba, ikkaratterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi bbażati fuq il-kooperazzjoni, b'rispett għall-awtonomija u s-sovranità tal-Partijiet. Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021 u ġie applikat proviżorjament mill-1 ta' Jannar 2021.

2.2. Il-Kunsill ta' Sħubija

Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jistabbilixxi għadd ta' korpi konġunti, inkluż il-Kunsill ta' Sħubija, li huwa "korp stabbilit bi ftehim" fis-sens tal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

2.3. L-att previst tal-Kunsill ta' Sħubija

L-Artikolu 552(4) tal-Ftehim ta' Kummerç u Kooperazzjoni jipprevedi li r-Renju Unit għandu jħassar id-*data* tal-PNR tal-passiġġieri wara t-tluq tagħhom mill-pajjiż, sakemm valutazzjoni tar-riskju ma tindikax il-*ħtieġa* li tali *data* tal-PNR tinżamm. Dan id-dmir isegwi mill-każistika tal-UE tal-2017 dwar it-trasferiment internazzjonali tad-*data* tal-PNR mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi¹.

L-Artikolu 552(11) tal-Ftehim dwar il-Kummerç u ta' Kooperazzjoni jipprovdi li r-Renju Unit jista' jidderoga mill-paragrafu 4 ta' dan l-artikolu fuq bażi temporanja għal perjodu interim, sakemm ir-Renju Unit jimplementa, malajr kemm jista' jkun, l-aġġustamenti tekniċi għas-sistemi ta' pproċessar tal-PNR tiegħu. Matul il-perjodu interim, l-awtorità kompetenti tar-Renju Unit hija obbligata li tevita l-użu tad-*data* tal-PNR li għandha titħassar billi tapplika għadd ta' salvagwardji addizzjonali speċifiċi għal dik id-*data* tal-PNR.

L-Artikolu 552(10) tal-Ftehim dwar il-Kummerç u l-Kooperazzjoni jipprovdi li l-paragrafu 11 ta' dan l-artikolu japplika minħabba ċ-ċirkustanzi speċjali li jipprevjenu lir-Renju Unit milli jagħmel l-aġġustamenti tekniċi meħtieġa biex jittrasforma s-sistemi ta' pproċessar tal-PNR li kienu joperaw fir-Renju Unit meta d-dritt tal-Unjoni kien japplika għalih f'sistemi li jippermettu li d-*data* tal-PNR titħassar skont il-paragrafu 4 ta' dak l-artikolu.

L-Artikolu 552(12) tal-Ftehim dwar il-Kummerç u l-Kooperazzjoni jipprevedi li r-Renju Unit għandu jipprovdi lill-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja, disa' xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dak il-ftehim, rapport mill-korp amministrattiv indipendenti msemmi fil-paragrafu 7 ta' dak l-Artikolu, inkluża opinjoni mill-awtorità superviżorja tar-Renju Unit imsemmija fl-Artikolu 525(3) tal-Ftehim dwar il-Kummerç u l-Kooperazzjoni, dwar jekk is-salvagwardji addizzjonali tal-protezzjoni tad-*data* ġewx applikati b'mod effettiv u valutazzjoni tar-Renju Unit dwar jekk iċ-ċirkostanzi speċjali msemmija fl-Artikolu 552(10) tal-Ftehim dwar il-Kummerç u l-Kooperazzjoni għadhomx hemm, flimkien ma' deskrizzjoni tal-isforzi li qed isiru biex jittrasformaw is-sistemi tal-ipproċessar tal-PNR tar-Renju Unit f'sistemi li jippermettu li d-*data* tal-PNR titħassar skont il-paragrafu 4 ta' dak l-artikolu.

It-tieni sentenza tal-Artikolu 552(13) tal-Ftehim dwar il-Kummerç u l-Kooperazzjoni tipprovdi li jekk iċ-ċirkostanzi speċjali msemmija fil-paragrafu 10 ta' dan l-artikolu jippersistu, il-Kunsill ta' Sħubija għandu jestendi l-perjodu interim imsemmi fil-paragrafu 11 ta' dan l-artikolu b'sena.

Id-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Sħubija li jestendi l-perjodu interim tista' tiegħu kwalunkwe forma. Id-deċiżjonijiet tal-Kopresidenti tal-Kunsill ta' Sħubija għandhom jittiegħdu b'kunsens reċiproku (ara l-Artikolu 1(2) tal-Anness 1 tal-Ftehim ta' Kummerç u Kooperazzjoni). Id-Deċiżjoni jenħtieġ li tittiegħed qabel it-tmiem tal-perjodu interim, jiġifieri qabel l-1 ta' Jannar 2022.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

3.1. Sfond

Fl-1 ta' Ottubru 2021, ir-Renju Unit ippreżenta lill-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja valutazzjoni skont l-Artikolu 552(12)(b) tal-Ftehim dwar il-Kummerç u l-Kooperazzjoni.

¹ Opinjoni 1/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-26 ta' Lulju 2017.

Il-valutazzjoni mir-Renju Unit tikkonkludi li ċ-ċirkostanzi speċjali fir-rigward tas-sistemi ta' pproċessar tad-*data* tal-PNR tar-Renju Unit jippersistu. Ir-Renju Unit jinsab fis-sitwazzjoni speċifika li jrid jadatta sistema tal-ipproċessar tad-*data* tal-PNR ikkonfigurata għall-konformità mad-dritt tal-Unjoni li tapplika għall-Istati Membri f'sistema kkonfigurata biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u li ma kienx hemm biżżejjed żmien qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni biex isiru l-adattamenti meħtieġa għal sistema kumplessa ta' pproċessar tad-*data* tal-PNR. Ir-rekwiżiti tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jirriflettu l-każistika tal-2017 mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar it-trasferiment internazzjonali tad-*data* tal-PNR mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi (Opinjoni 1/15).

Is-sistema attwali ta' pproċessar tal-PNR tar-Renju Unit ġiet żviluppata fl-2004 u adattata fl-2016 biex tkun konformi mad-Direttiva (UE) 2016/681 tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' *data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, is-sejbien, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u reati serji². Bħala tali, it-tħaddim tas-sistema ta' pproċessar tal-PNR tar-Renju Unit kien maħsub, bħal dak ta' Stati Membri oħra, li jżomm id-*data* tal-PNR kollha għal perjodu ta' ħames snin sabiex iwieġeb għal talbiet debitament motivati f'każijiet speċifiċi fi kwalunkwe ħin matul dawk il-ħames snin. Hija ma tfasslitx biex tħassar id-*data* tal-PNR tal-passiġġieri wara t-tluq tagħhom mir-Renju Unit, kif jitlob il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

Barra minn hekk, il-proċess attwali ta' valutazzjoni tar-riskju tar-Renju Unit ġie mfassal, bħal dawk ta' Stati Membri oħra, biex jidentifika individwi li d-*data* tagħhom tikkorrispondi għal regoli mmirati oġġettivi jew kriterji predeterminati oħra għall-fini tat-tweqqif ta' kontrolli tas-sigurtà u l-kontrolli fil-fruntieri. Huwa ma kienx imfassl biex jiddetermina jekk hemmx hteġa li *data* tal-PNR speċifika tinżamm wara t-tluq ta' passiġġier mir-Renju Unit.

Fil-valutazzjoni tiegħu, ippreżentata fit-1 ta' Ottubru 2021 skont l-Artikolu 552(12)(b) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, ir-Renju Unit iddeskriva li kien qed iwettaq analiżi tar-rekwiżiti legali, tekniċi u operazzjonali, kemm funzjonali kif ukoll mhux funzjonali, bil-ħsieb li jiġi żgurat li s-sistemi tal-ipproċessar tad-*data* tal-PNR tar-Renju Unit ikunu konformi mal-Artikolu 552(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Ir-Renju Unit ikkonkluda li din kienet operazzjoni kumplessa ħafna.

Il-valutazzjoni tar-Renju Unit tindika li s-sistemi attwali użati mir-Renju Unit biex jipproċessa d-*data* tal-PNR huma skedati li jiġu dekommissjonati sal-2024. Ir-Renju Unit jispjega li l-aġġustamenti tekniċi meħtieġa għas-sistemi tiegħu kif meħtieġ mill-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni qed isiru billi jiġu aġġustati u miżjuda r-rekwiżiti tekniċi tas-sistemi l-ġodda li qed jiġu żviluppanti, aktar milli billi tkompli tiġi adattata s-sistema ċentrali attwali li qed tiġi dekommissjonata.

Il-valutazzjoni tar-Renju Unit tiddekrivi l-progress tal-proġett ta' aġġustamenti tekniċi tar-Renju Unit biex jiġu definiti r-rekwiżiti funzjonali u mhux funzjonali, u biex titfassal, tinbena u tiġi implimentata l-kapaċità teknika ta' tħaddim f'konformità mal-Artikolu 552(4) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni u biex titħassar id-*data* tal-PNR tal-passiġġieri wara t-tluq tagħhom mill-pajjiż, sakemm valutazzjoni tar-riskju ma tindikax il-ħteġa li tinżamm tali *data* tal-PNR.

Minbarra din il-valutazzjoni, fl-1 ta' Ottubru 2021 ir-Renju Unit ippreżenta lill-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja, rapport skont l-Artikolu 552(12)(a) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni mill-korp amministrattiv indipendenti msemmi fl-Artikolu 552(7) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni,

² ĠU 2016 L 119, p. 132.

dwar jekk is-salvagwardji addizzjonali għall-protezzjoni tad-*data* previsti fl-Artikolu 552(11) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ġewx applikati b'mod effettiv. Dan ir-rapport jinkludi anness mill-awtorità superviżorja tar-Renju Unit imsemmija fl-Artikolu 525(3) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

Il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja kkunsidra r-rapporti tar-Renju Unit fid-19 ta' Ottubru 2021. F'dik l-okkażjoni, ir-Renju Unit iddikjara li biħsiebu jikkomplementa l-anness tar-rapport skont l-Artikolu 552(12)(a) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u ġie miftiehem li dan għandu jsir f'Novembru 2021 qabel ma l-Kunsill ta' Sħubija jieħu deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-perjodu interim skont l-Artikolu 552(13) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni.

3.2. Pożizzjoni proposta

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li l-Kunsill ta' Sħubija jiddeċiedi li jestendi l-perjodu interim b'sena sal-31 ta' Diċembru 2022. Jenħtieġ li l-Kunsill ta' Sħubija jieħu deċiżjoni bħal din sal-31 ta' Diċembru 2021.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Princġipji

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta' “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi l-atti li għandhom effetti legali bis-saħħa ta' regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effetti vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”³.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kunsill ta' Sħubija huwa korp imwaqqaf bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

L-Artikolu 552(13) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprovdi li fejn jippersistu ċ-ċirkostanzi speċjali msemmija fil-paragrafu 10 ta' dak l-Artikolu, il-Kunsill ta' Sħubija għandu jestendi l-perjodu interim imsemmi fil-paragrafu 11 ta' dak l-artikolu b'sena. Għalhekk, l-adozzjoni ta' pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' tali deċiżjoni taq' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

L-effetti legali tal-estensjoni jaqgħu kompletament fuq l-Unjoni, bħala Parti għall-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Dan ifisser li, f'konformità mal-Artikolu 3(2) TFUE, l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva f'din il-kwistjoni.

³ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Ġermanja v il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

Id-Deċiżjoni dwar estensjoni tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 552(13) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ma tinvolvi li l-qafas tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jiġi supplimentat jew emendat.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

Fir-rigward ta' att previst li simultanament isegwi għadd ta' oġġettivi, jew li għandu diversi komponenti, li huma marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-bażi ġuridika sostantiva ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE jkollha tinkludi, eċċezzjonalment, id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-estensjoni tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 552(13) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ikollha l-oġġettivi u għandha l-komponenti fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* u l-kooperazzjoni tal-pulizija.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 87(2)(a) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta tkun l-Artikoli 16(2) u 87(2)(a) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu interim imsemmi fl-Artikolu 552(11) ta' dak il-Ftehim li matulu r-Renju Unit jista' jidderoga mill-obbligu li jħassar id-*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri tal-passiġġieri wara t-tluq tagħhom mir-Renju Unit

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 16(2) u 87(2)(a), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, (minn hawn 'il quddiem: "Ir-Renju Unit"), min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem: "il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni")⁴ jistabbilixxi r-regoli li skonthom ir-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (minn hawn 'il quddiem: "PNR") id-*data* tista' tiġi ttrasferita lil, ipproċessata u użata mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit għal titjriet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, u tistabbilixxi salvagwardji speċifiċi f'dak ir-rigward.
- (2) L-Artikolu 542 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jistabbilixxi li t-Titolu III tal-Parti Tlieta (INFURZAR TAL-LIĠI U KOOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA F'MATERJI KRIMINALI) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jistabbilixxi r-regoli li skonthom id-*data* tal-PNR tista' tiġi ttrasferita lil, ipproċessata u użata mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit għal titjriet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, u jistabbilixxi salvagwardji speċifiċi f'dak ir-rigward.
- (3) L-Artikolu 552(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi li r-Renju Unit għandu jħassar id-*data* tal-PNR tal-passiġġieri wara t-tluq tagħhom mill-pajjiż sakemm valutazzjoni tar-riskju ma tindikax il-ħtieġa li tali *data* tal-PNR tinżamm.

⁴ ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10–.

- (4) L-Artikolu 552(11) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprovdi li r-Renju Unit jista' jidderoga mill-paragrafu 4 ta' dan l-artikolu fuq bażi temporanja għal perjodu interim, sakemm l-aġġustamenti tekniċi jiġu implementati mir-Renju Unit malajr kemm jista' jkun. Matul dan il-perjodu interim, l-awtorità kompetenti tar-Renju Unit għandha tevita l-użu tad-*data* tal-PNR li għandha titħassar skont l-Artikolu 552(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni billi tapplika s-salvagwardji addizzjonali għal dik id-*data* tal-PNR elenkata fl-Artikolu 552(11), il-punti (a)-(d) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.
- (5) L-Artikolu 552(10) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi li l-Artikolu 552(11) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni japplika minħabba ċ-ċirkostanzi speċjali li jipprevjenu lir-Renju Unit milli jagħmel l-aġġustamenti tekniċi meħtieġa biex jittrasforma s-sistemi ta' pproċessar tal-PNR li kienu joperaw fir-Renju Unit meta kien japplika għalih id-dritt tal-Unjoni f'sistemi li jippermettu li d-*data* tal-PNR titħassar skont l-Artikolu 552(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.
- (6) L-Artikolu 552(13) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprovdi li jekk iċ-ċirkostanzi speċjali msemmija fl-Artikolu 552(10) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jippersistu, il-Kunsill ta' Sħubija għandu jestendi l-perjodu interim imsemmi fl-Artikolu 552(11) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni b'sena.
- (7) Fl-1 ta' Ottubru 2021, ir-Renju Unit ippreżenta lill-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, valutazzjoni skont l-Artikolu 552(12)(b) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.
- (8) Ir-Renju Unit jikkonkludi li ċ-ċirkostanzi speċjali msemmija fl-Artikolu 552(10) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jippersistu, b'referenza għas-sitwazzjoni speċifika li jiffaċċja r-Renju Unit meta jkollu jadatta s-sistemi tal-ipproċessar tad-*data* tal-PNR ikkonfigurati għall-konformità mad-dritt tal-Unjoni bħala Stat Membru f'sistema kkonfigurata biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni dwar it-trasferimenti internazzjonali tad-*data* tal-PNR mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi. Ir-Renju Unit jiddeskrivi l-isforzi tiegħu biex jittrasforma s-sistemi ta' pproċessar tal-PNR tiegħu f'sistemi li jippermettu li d-*data* tal-PNR titħassar skont l-Artikolu 552(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Ir-Renju Unit innota li kien qed iwettaq analiżi tar-rekwiżiti legali, tekniċi u operazzjonali, kemm funzjonali kif ukoll mhux funzjonali, bil-ħsieb li jiġi żgurat li s-sistemi tal-ipproċessar tad-*data* tal-PNR tar-Renju Unit ikunu konformi mal-Artikolu 552(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Skont l-Artikolu 552(13) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja kkunsidra l-valutazzjoni tar-Renju Unit fit-19 ta' Ottubru 2021.
- (9) Fl-1 ta' Ottubru 2021, ir-Renju Unit ippreżenta wkoll lill-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja, rapport skont l-Artikolu 552(12)(a) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni mill-korp amministrattiv indipendenti msemmi fl-Artikolu 552(7) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, inkluż anness mill-awtorità superviżorja tar-Renju Unit imsemmija fl-Artikolu 525(3) ta' dak il-ftehim, dwar jekk is-salvagwardji previsti fl-Artikolu 552(11) ta' dak il-ftehim ġewx applikati b'mod effettiv.
- (10) Skont l-Artikolu 552(13) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja kkunsidra r-rapport tar-Renju Unit fit-19 ta' Ottubru 2021. F'dik l-okkażjoni, ir-Renju Unit iddikjara li kellu l-intenzjoni li jikkomplementa l-anness għal dak ir-rapport u li dan se jsir

f'Novembru 2021 qabel ma l-Kunsill ta' Sħubija jieħu deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-perjodu interim skont l-Artikolu 552(13) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

- (11) Għalhekk, huwa kkunsidrat li ċ-ċirkostanzi speċjali msemmija fl-Artikolu 552(10) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jippersistu, u li, skont l-Artikolu 552(13) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, jenħtiegħ li l-Kunsill ta' Sħubija jestendi l-perjodu interim imsemmi fl-Artikolu 552(11) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni b'sena, sal-31 ta' Diċembru 2022.
- (12) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni huwa vinkolanti għall-Istati Membri kollha bis-saħħa tad-Deċiżjoni (UE) 2021/689, li hija bbażata fuq l-Artikolu 217 tat-TFUE bħala l-bażi ġuridika sostantiva tagħha.
- (13) Id-Danimarka u l-Irlanda huma marbuta bil-Parti III tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bis-saħħa tad-Deċiżjoni (UE) 2021/689 u għalhekk qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni li timplimenta l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Sħubija skont l-Artikolu 552(13) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni għandha tkun li taqbel ma' estensjoni, sal-31 ta' Diċembru 2022, tal-perjodu interim li matulu r-Renju Unit jista' jidderoga mill-obbligu li jħassar id-*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri tal-passiġġieri wara t-tluq tagħhom mir-Renju Unit.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*